# DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

## tas-26 ta' Ġunju 2013

## li taħtar Imħallfin fil-Qorti Ġenerali

(2013/337/UE)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 254 u 255 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-mandati tat-tlettax-il Imħallef fil-Qorti Ġenerali ser jiskadu fil-31 ta' Awwissu 2013. Jeħtieġ li jsiru ħatriet ġodda għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2013 sal-31 ta' Awwissu 2019.

(2) Is-Sinjuri Guido BERARDIS, Eugène BUTTIGIEG u Carl WETTER ġew proposti bil-ħsieb li jiġi mġedded il-mandat tagħhom.

(3) Is-Sinjuri Anthony COLLINS, Stéphane GERVASONI u Ignacio ULLOA RUBIO ġew proposti bħala kandidati għall-postijiet battala ta' Mħallfin fil-Qorti Ġenerali.

(4) Il-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta opinjoni dwar l-idoneità tas-Sinjuri Guido BERARDIS, Eugène BUTTIGIEG, Anthony COLLINS, Stéphane GERVASONI, Ignacio ULLOA RUBIO u Carl WETTER għall-qadi tal-funzjonijiet ta' Mħallfin fil-Qorti Ġenerali,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għandhom jinħatru Mħallfin fil-Qorti Ġenerali għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2013 sal-31 ta' Awwissu 2019:

— Is-Sur Guido BERARDIS

— Is-Sur Eugène BUTTIGIEG

— Is-Sur Anthony COLLINS

— Is-Sur Stéphane GERVASONI

— Is-Sur Ignacio ULLOA RUBIO

— Is-Sur Carl WETTER

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ġunju 2013.

*Il-President*

R. MONTGOMERY